# Ismijiet ta' Bastiment konnessi mal-Isla

*Joe Abela*

Matul iċ-ċentinarji bosta bastimenti ssemmew tali li jfakkruna fl-Isla minn aspetti varji. Dawn jestendu minn galeri li nbnew fl-Arsenal tal-Birgu għall-Ordni ta' San Ġwann sa bastimenti merkantili li nbnew matul is-sekli dsatax u għoxrin. Insegwu ħames eżempji ta' bastimenti ta' tipi differenti li għandna niftakruhom.



*It-trawler Maria Bambina jidher inkaljat qrib Lampedusa*
*The trawler Maria Bambina shipwrecked near Lampedusa*

Fl-1554 fl-Arsenal tal-Birgu l-*Capitana* jew il-*flagship* tal-Ordni bl-isem ta' *Maria della Vittoria* kienet varata u wara kienet ikkummissjonata biex tifforma parti mill-iskwadra tal-galeri. Ġeneralment il-*Capitana* kienet tkun l-akbar xini tal-iskwadra u kellha tletin bank tal-qaddiefa fuq kull naħa. Il-galera kellha qlugħ latin u kienet armata b'ħames kanuni fuq il-pruwa. Sa mill-1551 il-galeri kienu jsorġu l-Birgu bil-poppa marbuta mal-moll li kienet ukoll prattika f'portijiet oħra fil-Mediterran. Meta l-iskwadra żdiedet għal sitt bċejjeċ, tlieta minnhom bdew jorbtu l-Isla. Kienet il-*Capitana Maria della Vittoria* li ġabet lill-Gran Mastru l-ġdid ta' Malta Fra Claudio de la Sengle mill-Italja għal Malta għaliex meta laħaq kap tal-Ordni kien qiegħed imsiefer. Din il-*Capitana* ħadet post l-antika bl-isem ta' *San Michele Arcangelo* li kienet taħt il-kmand tal-Kaptan Ġenerali tal-Iskwadra tal-Galeri Fra Giovanni di Valletta. L-isem tal-*Capitana* l-antika kienet ukoll konnessa mal-lokalità għax il-lokal kien jissejjaħ l-*Isola di San Michele* u kien hemm ukoll il-Forti San Mikiel.

Il-brig bl-isem ta' *Porto Salvo* nbena Malta fl-1829 fit-tarzna ta' Giuseppe Camilleri li kienet tinsab fid-Daħla tal-Franċiżi. Il-bastiment kien twil 25.5 metri b'wiesa ta' 7.8 metri u kien iġib 25 tunellata. Kellu żewġ arbli u pulena ta' bust ta' raġel imwaħħla fil-pruwa taħt il-puppress kienet iżżejjen dan il-ġifen. Giovanni Battista Vella li kien negozjant mill-Belt ordna u ħallas il-bastiment. Fil-5 ta' Marzu 1829 Paolo Gaffiero u l-aħwa Michele u Salvatore Gaffiero it-tnejn *master mariners* mill-Isla xtrawh għas-somma ta' 14,000 skudi. Sfortunatament il-brig ġie rrappurtat nieqes f'Newport fl-1834. Verament il-brig ifakkarna fil-knisja dedikata lil Madonna tal-*Porto Salvo*.

Il-bastiment tal-istim bl-isem ta' *Maria Bambina* setgħa ġibed l-attenzjoni u l-kurżità tal-komunità ta' baħħara tal-lokal minħabba ismu. Huwa rari li tiltaqa' ma' vapur li jġib dan l-isem għalkemm li kien hemm bosta oħrajn li ssemmew għall-Madonna imma taħt titli oħra. Il-bastiment *Maria Bambina* kien *trawler* tal-ħadid mibni fl-1892 mid-Ditta Cochran and Schofield tal-Ingilterra. It-trawler kien twil 31.2 metri b'6 metri wiesa' u kellu tunellaġġ gross ta' 157. Il-bastiment kien mgħammar b'magna *compound* li kellha xaft wieħed u għalhekk skrun wieħed ukoll. Il-magna nħadmet mill-istess ditta li bnit il-bastiment u tlestiet ukoll fl-istess sena. Ironikament meta l-bastiment wasal Malta fl-1917 is-sidien tiegħu bidlu ismu għal *Lara.* Charles Sant Fournier u Joseph Pace xtraw il-vapur meta kien f'Malta. Sfortunatament dan il-vapur għereq f'Lampedusa fi Frar tal-1933 waqt maltempata qalila.

Il-Linja Nazzjonali Marittima 'Sea Malta Company Limited' kienet stabbilita fl-10 ta' Novembru 1973 bil-għan li tgħin l-industrija Maltija billi tassigura servizz regolari għall-ġarr ta' merkanzija bil-baħar minn u għal Malta. L-ewwel bastimenti li xtrat is-Sea Malta kienu qodma u kien jisimhom *Marsa, Gudja* u *Mdina* li appartenew lill-Maltese National Lines. Bosta mill-bastimenti tal-flotta kienu ssemmew għal bliet u rħula lokali. Fl-1996 is-Sea Malta xtrat wieħed mill-akbar bastimenti li kellha u ngħata l-isem ta' *Senglea.* Dan il-bastiment ta' għamla *RoRo* li tfisser *Roll-on Roll-off* kien jgħabbi l-*containers* u t-*trailers* permezz ta' rampa kbira fil-poppa. Is-*Senglea* ma' tantx dam fis-servizz tas-Sea Malta għax kien dikommissjonat fl-1997.